**PRIM`AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 18 ta` Marzu 2021**

**Kawza Nru. 8**
**Rik. Gur. 636/2019 JZM**

**Express Trailers Limited (C4278)**

***kontra***

**Quick Turtle Sp.z o.o, socjeta` estera registrata taht il-ligijiet tal-Polonja bin-numru ta` registrazzjoni 0000260040 u bl-ufficju registrat ul. Wodna 6, 30-556 Krakovja, Polonja**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat li kien prezentat fis-27 ta` Junju 2019 u li jaqra hekk :–

*1. Illi in segwitu ghal serje ta` ordnijiet maghmula fl-1 ta` Gunju 2018, is-socjeta` attrici Express Trailers Limited giet ikkuntrattata mis-socjeta` estera konvenuta Quick Turtle (ossija subcontracted) sabiex tittrasporta certu merkanzija, specifikament farmacewtici, minn Malta sal-Polonja ghall-klijent tal-imsemmija socjeta` konvenuta, ZF.Polpharma S.A. (cioe, d-destinatarju).*

*2. Illi kif inhi l-procedura rutina stabbilita tas-socjeta` attrici, dawn l-ordnijiet, inkluz il-bazi li fuqha l-istess socjeta` attrici harget il-kwotazzjoni taghha lis-socjeta` konvenuta, kienu suggetti ghal u b`hekk irregolati mill-Konvenzjoni dwar il-Garr Internazzjonali tal-Merkanzija Stradali (CMR), kif trasposta f`Malta permezz tal-Kapitolu 486 tal-ligijiet ta` Malta, kif ukoll l-istandard terms and conditions tal-imsemmija socjeta` attrici, kif kienet intitolata li timponi bhala l-fornitur relattiv ta` dawn is-servizzi mitluba mis-socjeta` konvenuta.*

*3. Illi l-applikazzjoni tas-suespost, ossija d-dispozizzjonijiet tal-CMR u t-termini u l-kundizzjonijiet tas-socjeta` attrici, giet effettivament ikkomunikata mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta, inkluz meta l-attrici harget il-kwotazzjoni relattiva taghha fuq it-talba tas-socjeta` konvenuta (Dok. A).*

*4. Illi fuq l-istruzzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, l-merkanzija in kwistjoni (ossija farmacewtici) - li kienet maqsuma f`numru ta` pallets – kellha tigi trasportata f`temperatura ta` bejn 15-25 Grad Celsius. Min-naha taghha, s-socjeta` attrici hadet ferm konjizzjoni ta` dawn l-istruzzjonijiet u fost prekawzjonijiet ohrajn, irrangat sabiex l-istess merkanzija tingarr fuq trailers godda, li kienu verifikati u ccertifikati mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti fil-kamp ta` farmacewtici. Waqt il-perjodu tat-trasport ta` tali merkanzija, t-temperatura ta` dawn l-istess trailers kienet konsistentement ikkalibrata ghall-firxa ta` bejn 15-25 Grad Celsius, kif rikjest.*

*5. Illi b`hekk, is-socjeta` attrici agixxiet bhala bonus paterfamilias, skont id-dettami u l-istandards applikabbli tal-kummerc fis-settur rilevanti, fit-twettiq tal-obbligi taghha naxxenti minn dawn l-ordnijiet, u fil-fatt il-merkanzija in kwistjoni giet accettata mid-*

*destinatarju  u dawk awtorizzati minnha (bhala ricevituri nominati mid-destinatarju, u cioe s-socjetajiet esteri ZFM Polska Sp. zo.o u Polfa Pabiance SA) – wara l-kunsinna taghha mis-socjeta` attrici (qua trasportatur) – minghajr ebda oggezzjoni jew forma ta` rizerva da parti taghhom (Dok. B).*

*6. Illi minkejja dan, is-socjeta` konvenuta qieghda, b`mod abbuziv, tirrifjuta li thallas numru ta` fatturi tas-socjeta` attrici relatati ma` dawn l-ordnijiet, u dan bi ksur tal-obbligi li hi debitament assumiet lis-socjeta` attrici bhala l-parti li kkuntrattat lill-istess socjeta` attrici biex iggorr il-merkanzija in kwistjoni minn Malta sal-Polonja, b`rizultat li llum il-gurnata s-socjeta` attrici ghandha sitt fatturi pendenti li ghadhom dovuti mis-socjeta` konvenuta (Dok. C1 sa Dok. C6).*

*7. Illi s-socjeta` konvenuta qed tibbaza din il-pozizzjoni abbuziva taghha fuq certu devjazzjonijiet li sehhew fil-kundizzjonijiet tat-temperatura tat-trailers, li fihom il-merkanzija in kwistjoni kienet qed tingarr, waqt it-trasport tal-istess merkanzija. Izda, kif jirrizulta minn diversi qari tat-temperatura – mehuda kemm waqt it-tragitt, kif ukoll fiz-zmien meta tali trailers waslu fil-post ta` destinazzjoni – dawn id-devjazzjonijiet kienu ta` natura minimi u insinifikanti.*

*8. Illi barra minn hekk, is-socjeta` konvenuta hadet din il-pozizzjoni abbuziva, cioe li dawn id-devjazzjonijiet allegatament jintitolaw lilha biex ma thallasx dawn il-fatturi pendenti, minghajr ma tipprovdi lis-socjeta` attrici ebda dokumenti, u partikolarment testijiet laboratorji, li juru u jissostanzjaw jekk il-kwalita jew il-kundizzjoni tal-merkanzija in kwistjoni giet kompromessa b`xi mod jew iehor.*

*9. Illi b`zieda ma` dan, is-socjeta` konvenuta lanqas ma pprovdiet ebda evidenza, wisq inqas dokumentazzjoni formali, ta` pretensjoni (claim) li giet imressqa jew miftuhha mid-destinatarju rigwardanti l-merkanzija (inkluz jekk gietx kompromessa), kif rikjest mill-CMR.*

*10. Illi wisq anqas, ma rritornat il-merkanzija lura lis-socjeta` attrici jew ddepozitat l-istess fil-Qorti jew pprovdiet l-opportunita lis-socjeta` attrici li tezamina, anke permezz ta` joint survey, l-istess merkanzija.*

*11. Illi b`hekk, mill-agir tas-socjeta` konvenuta, kif fuq deskritt, jirrizulta bic-car li l-istess socjeta` konvenuta qed tagixxi in mala fede biex tevita u teludi l-obbligi taghha li thallas il-fatturi tas-socjeta` attrici.*

*12. Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata sabiex thallas l-ammont dovut lis-socjeta` attrici, kif rizultanti minn dawn il-fatturi pendenti, izda l-istess socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.*

*13. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant is-socjeta` attrici umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

*1. Tiddikjara illi s-socjeta` attrici Express Trailers Limited hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta Quick Turtle Sp.z o.o fl-ammont ta` Ewro 23,170.00, kif jirrizulta mill-fatturi hawn annessi u mmarkati bhala Dok. C1 sa Dok. C6, flimkien mal-imghaxijiet mid-dati ta` dawn il-fatturi ; u*

*2. Tordna lis-socjeta` konvenuta Quick Turtle Sp.z o.o thallas is-somma imsemmija fit-talba precedenti lis-socjeta` attrici Express Trailers Limited, fi zmien qasir u perentorju li joghgobha taghti din il-Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata li kienet prezentata fit-12 ta` Awwissu 2019 u li taqra :-

*1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta` gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin stante li s-socjeta` esponenti hija socjeta` registrata gewwa l-Polonja, bil-kwartieri generali taghha gewwa l-Polonja. Ghaldaqstant huma l-Qrati Pollakki li ghandhom gurisdizzjoni, u dan kemm taht Artiklu 8 ta` Sezzjoni IV tat-termini u kundizzjonijiet li jiggvernaw in-negozju de quo, kif ser jigi spjegat izjed `l isfel, u kif ukoll taht il-Konvenzjoni dwar il-Garr Internazzjonali tal-Merkanzija Stradali (CMR) (kif trasposta f`Kapitlu 486 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*2. Illi fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, mhuwiex minnu li n-negozju de quo kien suggett ghall-istandard terms and conditions tas-socjeta` attrici (li gew annessi bhala Dok D mar-rikors guramentat), u dan stante li s-socjeta` esponenti qatt giet mitluba biex taccetta dawn it-termini u kundizzjonijiet, u certament qatt ma accettathom. Inoltre mhuwiex minnu li l-kwotazzjoni tas-socjeta` attrici kienet suggetta ghal dawn it-termini u kundizzjonijiet, u dan jista` jigi facilment accertat mill-kwotazzjoni nnifisha (li giet annessa bhala Dok A mar-rikors guramentat).*

*3. Illi, wkoll minghajr pregudzzju ghall-ewwel eccezzjoni, u ghall-kuntrarju ta` dak li ntqal fir-rikors guramentat, kienet is-socjeta` attrici li accettat it-termini u kundizzjonijiet tas-socjeta` esponenti, u dan stante li dawn it-termini u kundizzjonijiet kienu jiffurmaw parti integrali mill-ordni ghat-trasport. Kopja tal-ordni ghat-trasport tal-merkanzija mertu ta` din il-kawza, flimkien mat-termini u kundizzjonijiet applikabbli, qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok QT1.*

*4. Illi s-socjeta` attrici kisret diversi obbligi kontrattwali fil-garr tal-merkanzija de quo, liema obbligi jiffurmaw parti integrali mill-kuntratt ta` bejn il-partijiet. Fost l-ohrajn is-socjeta` attrici kisret l-obbligu*

*naxxenti minn Artiklu 6 ta` Sezzjoni III tat-termini u kundizzjonijiet tal-ordni, u ghalhekk ghandha twiegeb ghan-nuqqasijiet taghha anki kif previst fl-istess termini u kundizzjonijiet.*

*5. Illi rigward it-temperatura li fiha kellha tigi trasportata l-merkanzija, is-socjeta` esponenti tirrileva li l-merkanzija de quo kienet tikkonsisti f`farmacewtici li minhabba n-natura sensittiva taghhom huma regolati minn ligijiet u linji gwidi rigoruzi hafna, li ma jaghtux lok ghal interpretazzjoni u li jridu jigu segwiti ad unguem.*

*6. Illi s-socjeta` attrici ex admissis ma segwietx dawn ir-regoli li kienu jiffurmaw parti integrali mill-ordni ghat-trasport, u ghaldaqstant ghandha twiegeb ghan-nuqqas taghha. Ghall-kuntrarju ta` dak li qieghda tippretendi s-socjeta` attrici, ma jispettax lis-socjeta` esponenti li tipprova ghalfejn kien imperattiv li l-parametri tat-temperatura ma jinqabzux : din il-kundizzjoni giet imposta stante li hija rikjesta mir-regoli li jiggvernaw il-farmacewtici in kwistjoni, giet accettata mis-socjeta` attrici, u ma gietx rispettata.*

*7. Illi ghaldaqstant is-socjeta` attrici ma tistax tippretendi hlas ghal xoghol li ma giex esegwit skont it-termini u kundizzjonijiet pattwiti, u ghalhekk it-talba taghha ghandha tigi michuda.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici, li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ingunti in subizzjoni, u b`riserva cara ghad-drittijiet tas-socjeta` esponenti li tipprocedi kontra s-socjeta` attrici ghad-danni sofferti b`rizultat tal-ksur tal-obbligi kontrattwali taghha.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta guramentata.

Rat illi l-partijiet inghataw direzzjoni fis-sens li kellhom iressqu provi u jittrattaw l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi l-ohra li tressqu dwar din l-eccezzjoni.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum dwar l-ewwel eccezzjoni bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet.

Rat l-atti l-ohra.

## II. **Provi**

Is-socjeta` konvenuta Quick Turtle Sp.z o.o ("**Quick Turtle**") hija registrata fi Krakovja, Polonja, fejn hemm ukoll l-ufficcju registrat taghha. Quick Turtle hija *limited liability company* li tipprovdi trasport ta` merkanzija bejn Malta u l-Polonja. Dan it-trasport isir jew permezz tal-flotta ta` vetturi ta` Quick Turtle stess, jew inkella bl-ingagg ta` terzi bhal ma sehh fil-kaz ta` llum bl-ingagg ta` Express Trailers Ltd ("**Express Trailers**"). Quick Turtle hija s-sussidjarja ta` kumpannija ohra registrata f`Malta.

**Marcin Depczynski** xehed li huwa r-rapprezentat tas-socjeta` intimata f`Malta. Mhuwiex direttur taghha u bhala rapprezentat taghha jghid li ghandu setghat limitati hafna. Huwa azzjonista tal-*holding company* li hija registrata fil-Gzejjer Cook. Qal illi jirrisjedi Ghawdex.

Xehed illi Express Trailers kienet ingaggjata sabiex tittrasporta konsenja kbira ta` prodotti farmacewtici minn Malta lejn il-Polonja. Billi kien hemm urgenza biex isir it-trasport, Quick Turtle talbet is-servizzi ta` Express Trailers peress illi din hija rinnomata ferm ghall-kwalita` tas-servizz illi taghti. Stqarr illi s-settur tal-farmacewtika ghandu regoli rigidi hafna. Ghalhekk il-mezzi tat-trasport li jgorru l-merkanzija jridu jsewgi regoli stretti. Fil-kaz ta` llum ma kienx iffirmat kuntratt formali bejn il-

partijiet. Madanakollu Express Trailers irceviet minghand Quick Turtle ordni ghal trasport, u sett ta` regolamenti u struzzjonijiet dwar kif kellhom isiru l-garr u l-konsenja. Spjega illi ghal kull trasport ta` merkanzija tohrog ordni ta` trasport li tkun specifika ghal dik il-konsenja liema ordni tindika dettaljatament il-partikolaritajiet tal-merkanzija li tkun ser tingarr inkluz meta ser tingarr, minn fejn ghal fejn, it-tip ta` vettura li ser tintuza u kundizzjonijiet ohra partikolari bhat-temperatura li trid tinzamm waqt il-vjagg u GPS *tracker*. Fil-kaz taht ezami, it-temperatura kellha tkun ta` bejn 15 u 25 grad, altrimenti kien hemm ir-riskju illi l-merkanzija ma tibqax tajba. Sahaq illi l-ordni dwar trasport huwa l-uniku dokument illi jirregola l-kuntratt dwar trasport. Anness ma` kull ordni jkun hemm sett ta` regolamenti u struzzjonijiet li jifformaw parti integrali mill-ordni dwar trasport. Dan id-dokument kien mibghut b`email minn Quick Turtle lil Express Trailers.

Kompla jixhed illi l-ordni dwar trasport tinkludi wkoll klawsoli li jirregolaw il-gurisdizzjoni tal-qorti fil-kaz ta` tilwima bejn il-partijiet. Fil-kaz odjern kien specifikat fir-regolamenti li kienu annessi mal-ordni dwar trasport illi f`kaz ta` disputa il-qorti kompetenti kellha tkun dik tal-pajjiz fejn il-klijent ghandu l-ufficcju registrat. Ghalhekk ladarba l-klijent kien Quick Turtle bl-ufficcju registrat taghha fi Krakovja l-qrati tal-Polonja kellhom gurisdizzjoni mhux il-qrati ta` Malta.

B`referenza ghad-dokument intitolat *Express Trailers Limited : Unified standard terms and conditions for the carriage of goods*, stqarr illi kien biss waqt din il-kawza li Quick Turtle saret taf bid-dokument. Express Trailers qatt ma talbet lil Quick Turtle sabiex il-kuntratt tal-gatt ikun regolat b`dak id-dokument. Anzi gara l-maqlub u cioe` li Express Trailers accettat it-termini u l-kondizzjonijiet ta` Quick Turtle.

Qal illi Express Trailers ghamlet ghoxrin (20) vjagg. Fil-kaz ta` sitta (6) minnhom ma kenitx segwita l-procedura ghat-trasport skont kif kien espressament rikjest minn Quick Turtle u cioe` iz-zamm tat-temperatura fil-parametri li kienu dan peress illi ma gewx rispettati l-parametri tat-temperatura. Quick Turtle avzat b`dan lil Express Trailers b`email u ghalhekk talbet riduzzjoni fit-tariffa ta` 30% ghal dawk il-vjaggi partikolari biss. Quick Turtle hallset il-fatturi tal-vjaggi l-ohra billi kienu segwiti l-proceduri. Express Trailers irrifjutat li takkorda riduzzjoni u

baqghet tinsisti fuq il-hlas tal-ammont intier fatturat ghas-sitt vjaggi in kwistjoni. Ghalkemm Quick Turtle kienet disposta thallas 70% tal-prezz tas-sitt vjaggi, wara li kien ir-rifjut ta` Express Trailers, ma ghamlet ebda depozitu taht l-awtorita` tal-qorti billi dan ma kienx rikjest mil-ligi tal-Polonja. Dwar il-ligi ta` Malta ma kienx jaf li seta` jsir hekk.

**<u>Fil-kontroezami</u>** xehed illi wara ndikazzjoni ta` Melvin Vella mill-kumpannija farmacewtika Actavis, Quick Turtle ghamlet kuntatt ma` Express Trailers dwar konsenja ta` prodotti ta` Actavis destinati ghal klijent ta` Quick Turtle fil-Polonja. Sar skambju ta` emails fejn Express Trailer tat stima tal-prezz ghas-servizz ta` garr. Xehed illi l-istima li tidher f`Dok A a fol 5 tal-process qatt ma marret ghand Quick Turtle. Huwa personalment raha ghall-ewwel darba meta kienet prezentata tar-rikors guramentat.

Kompla jixhed illi Express Trailers qatt ma assoggettat il-kuntratt ghal kundizzjonijiet diversi minn dawk imposti minn Quick Turtle. Din bhala l-klijent ghamlet il-kondizzjonijiet taghha ghat-trasport b`mod dettaljat kif ukoll annettiet id-dokument flimkien mal-ordni ghat-trasport. Stqarr illi t-trasportatur kien fil-liberta` li jirrifjuta li jaghti s-servizz jekk ma riedx ikun marbut mal-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-klijent.

Fisser illi ghall-email li kien baghat, Express Trailers wiegbet billi ndikat il-prezz ghas-servizz. Mal-istima ta` Express Trailers ma kien anness ebda dokument. Min-naha taghha Quick Turtle ma talbet ebda informazzjoni dwar kondizzjonijiet illi setghu kienu mposti minn Express Trailers ghaliex bhala l-klijent, kellha tkun Quick Turtle illi tispecifika l-kondizzjonijiet partikolari ghal kull konsenja. Dawn il-kondizzjonijiet dejjem jigu annessi u jifformaw parti integrali minn kull ordni dwar trasport.

Ipprezenta katina ta` emails li kienu skambjati ma` Jesmond Mifsud mnejn jirrizulta illi fil-31 ta` Mejju 2018 huwa kien elenka xi kundizzjonijiet ghat-trasport ta` kull konsenja. Fl-istess email inghad ukoll illi Quick Turtle kienet ser thejji t-termini u kundizzjonijiet skont dak li kien rikjest mill-klijent taghha fil-Polonja. San kien mehtieg sabiex tkun regolata r-responsabbilita` ghall-garr tal-merkanzija.

**Johann Vella** direttur ta` Express Trailers xehed illi fl-2018 Quick Turtle avvicinathom dwar konsenja ta` merkanzija minn Malta lejn il-Polonja liema konsenja kellha ssir bejn Gunju u Awwissu tal-2008. Qal illi kull servizz ta` trasport li toffri Express Trailers huwa regolat bl-i*Standard Terms and Conditions* taghha. Il-kumpannija qatt ma taccetta li tkun marbuta b`termini u kondizzjonijiet imposti mill-klijent ghaliex dan imur kontra l-*modus operandi* taghha billi johloq incertezza legali. Qal illi hija prattika stabbilita fis-settur tat-trasport illi l-appalt ghandu jkun regolat bit-termini u kondizzjonijiet ta` min qieghed joffri s-servizz. Huwa biss f`kazi rari fejn il-klijent jitlob li jigu oservati l-kundizzjonijiet tieghu. F`dak il-kaz Express Trailers tqis il-kwistjoni fl-istrutturi nterni taghha billi taghmel evalwazzjoni tar-riskju. Wara titkellem mal-klijent, u jekk Express Trailers taccetta l-kundizzjonijiet tal-klijent, allura f`dak il-kaz tghid kjarament li sejra tkun soggetta ghat-termini u kondizzjonijiet tal-klijent.

Qal illi fil-kaz taht ezami Quick Turtle qatt ma talbet li jigu osservati t-termini u kondizzjonijiet taghha. Ghalhekk meta Quick Turtle talbet stima ghas-servizz ta` trasport, Jesmond Mifsud, Senior Sales Manager ta` Express Trailers, hareg stima b`mod formali ; fid-dokument hemm imnizzel specifikament illi Express Trailers topera esklussivament taht l-i*Standard Trading Terms and Conditions* li huma accessibbli direttament fuq is-sit elettroniku taghha. F`kaz illi t-termini u kondizzjonijiet ta` Express Trailers ma jkunux applikabbli, it-trasport ikun regolat bis-CMR Convention u cioe` il-Convention On The Contract For The International Carriage Of Goods By Road li llum taghmel parti integrali mil-Ligijiet ta` Malta bhala Kap 486.

Kompla jghid illi l-i*Standard Terms and Conditions* ta` Express Trailers jistabilixxu kjarament illi l-kuntratt bejn Express Trailers u l-klijenti taghha huwa regolat b`dawk it-termini u kondizzjonijiet kif ukoll li kemm ghar-rigward ta` gurisdizzjoni kif ukoll ghar-rigward ta` dritt il-kuntratt huwa regolat bil-ligijiet ta` Malta.

Stqarr illi fil-kaz taht ezami, il-konsenja tal-prodotti farmacewtici saret lill-klijent ta` Quick Turtle fil-Polonja skont kif miftiehem.

Madanakollu kien hemm sitt fatturi li Quick Turtle rrifjutat li thallas, nonostante li l-klijent ta` Quick Turtle accetta l-konsenja. Ghalkemm Quick Turtle qeghda tirrifjuta li thallas dawk is-sitt fatturi ghaliex allegat li matul il-vjagg ma nzammitx it-temperatura ndikata, Quick Turtle ma hadet ebda passi kontra Express Trailers ghar-risarciment ta` danni li setghet sofriet.

Ipprezenta email tal-1 ta` Novembru 2018 li rcieva minghand Marcin Depczynski fejn dan tal-ahhar wera x-xewqa li l-kwistjoni tigi rizolta bil-kwiet billi ppropona skont ta` bejn 30% u 40% fuq il-prezz tas-sitt fatturi. Il-proposta ma kenitx accettata.

**Fil-kontroezami** xehed illi huwa ma kienx involut fl-istadju bikri tal-kollaborazzjoni bejn Quick Turtle u Express Trailers. Dahal fil-kwistjoni meta nqala` d-dizgwid. Qal illi fil-prezz ikkwotat kien hemm imnizzel espressament illi Express Trailers topera esklussivment skont it-termini u kondizzjonjiet taghha. Jekk il-klijent jidhirlu li ghandhom japplikaw kundizzjonijiet differenti, il-klijent stess kellu jigbed l-attenzjoni ta` Express Trailers ghal dan sabiex Express Trailers tqis il-posizzjoni taghha. Fil-kaz odjern Quick Turtle accettat il-prezz minghajr rizervi. Lanqas ma accennat li riedet tibdel it-termini u kondizzjonijiet li kellhom jirregolaw it-trasport ta` dik il-merkanzija partikolari. Ladarba l-klijent jaccetta l-istima ikun qieghed jaccetta wkoll li jintrabat bit-termini u kundizzjonijiet ta` Express Trailers.

Kompla jixhed illi kien biss wara li kienet diga` accettat il-prezz li Quick Turtle baghtet it-termini u kondizzjonijiet taghha b`email lill-*booking office.* F`dak l-istadju ma kien hemm l-eebda diskussjoni u wisq anqas accettazzjoni tat-termini u kondizzjoniiet li riedet timponi Quick Turtle. Hadd f`Express Trailers ma ra d-dokument li kienet baghtet Quick Turtle bil-kondizzjonijiet taghha. Propju ghalhekk ma kienx hemm rifjut formali minn Express Trailers ta` dawk il-kondizzjonijiet.

**Jesmond Mifsud** ikkonferma x-xiehda ta` Johann Vella fl-intier taghha.

Zied jghid biss illi hu ha hsieb l-ordnijiet u kull komunikazzjoni li saret ma` Quick Turtle dwar it-trasport tal-prodotti lejn il-Polonja.

**<u>Fil-kontroezami</u>** xehed illi Express Trailers hadmet l-istima taghha skont it-*terms and conditions* taghha u fl-ebda waqt ma qieset it-termini u kondizzjonijiet li Quick Turtle setghet talbet. Fi kwalunkwe kaz Quick Turtle qatt ma semmiet li xtaqet li jigu applikati t-termini u kondizzjonijiet taghha flok dawk ta` Express Trailers. L-unici negozjati li kien hemm bejn Express Trailers u Quick Turtle kienu dwar il-prezz ghat-trasport.

## III. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

L-eccezzjoni li qeghda taghti s-socjeta` konvenuta u li tolqot il-gurisdizzjoni ta` din il-qorti hija bbazata fuq it-*Terms and Conditions* li ghamlet Quick Turtle u li kienu respinti bhala mhux applikabbli ghaliha mill-kumpannija attrici.

Tajjeb jinghad *in primis* illi Quick Turtle ma ndikatx liema minnhom japplikaw ghall-kontestazzjoni taghha fil-konfront ta` Express Trailers. Minn qari ta` d-dokument jidher illi l-kwistjoni tal-gurisdizzjoni hija regolata taht is-sezzjoni enumerata IV intitolata *Final Provisions*. Il-partijiet rilevanti huma :-

> *5. While executing this order, the provisions of the Convention on International Road Carriage of Goods (CMR), Civil Code and Polish General Forwarding Rules (current version) shall apply.*
>
> *6. The content of the order and the Terms and Conditions are not subject to negotiation.*
>
> *7. In matters not covered by this order the applicable law shall apply.*
>
> *8. Any disputes that may arise form the contract concluded under this order shall be resolved by the*

*competent court within whose territory the Client`s headquarters is situated*.

Is-socjeta` intimata tikkontendi li abbazi tat-*Terms and Conditions* il-qorti li ghandha gurisdizzjoni sabiex tqis u tiddeciedi dwar it-talba attrici mhumiex il-qrati Maltin izda l-qrati tal-Polonja. Min-naha taghha, is-socjeta` rikorrenti tikkontendi li ghat-trattazzjoni u decizjoni tal-kaz odjern il-qorti kompetenti hija dik ta` Malta billi l-kwistjoni tal-gurisdizzjoni hija regolata bil-*Unified Standard Terms and Conditions for the Carriage of Goods* taghha

Il-partijiet rilevanti ta` dawn il-*Unified Standard Terms and Conditions for the Carriage of Goods* huma :

***GENERAL***

*...*

*By placing an order with the Company for the Company to provide you with a service for the carriage of goods you are deemed for a ll intents and purposes of law to have read, understood and accepted these terms and conditions.*

*...*

***PART 1 – THE CARRIAGE OF GOODS***

*...*

***1. Application and Paramount Clauses***

*...*

*(B) The international carriage of goods by road, i.e. the carriage of goods by trailer, or other means described in the Convention for the International Carriage of Goods by Road (CMR) which has been incorporated into Maltese law by virtue of Chapter 486 of the Laws of Malt, for reward, when the*

*place of taking over of the goods and the place of delivery are situated in two different countries, is regulated exclusively by the said Convention, to the exclusion of these terms and conditions. ...*

*...*

*(E) Every variation, cancellation or waiver of these terms and conditions must be in writing signed by a Legal Representative of the Compnay. Notice is hereby given that no other person has or will be given any authority whatsoever to agree to any variation, cancellation or waiver of these terms and conditions."*

Dwar ***JURISDICTION AND APPLICABLE LAW*** jinghad hekk fil-klawsola 32 :-

*These Conditions and any act or contract to which they apply shall be governed by Maltese Law and any dispute arising out of any act or contract to which these conditions apply shall be subject to the exclusive jurisdiction of the Maltese Courts*.

Express Trailers tissottometti li hija prassi fil-qasam tat-trasport tal-merkanzija illi l-kuntratt huwa regolat bil-pattijiet u kondizzjonijiet tat-trasportatur. Kienet prezentata dokumentazzjoni relattiva ghall-British International Freight Association (BIFA) Standard Trading Conditions, FedEx u DHL li lkoll joperaw fl-istess settur taghha, u jimponu t-termini u kondizzjonijiet taghhom fil-garr tal-merkanzija minnhom. Fil-kaz odjern, jirrizulta li fil-parti ta` isfel tal-istima li Express Trailers baghtet lil Quick Turtle bl-email tal-5 ta` Gunju 2018 li kienet fuq *letter head* ta` Express Trailers kien hemm imnizzel illi :

"*Express Trailers trades solely under its Standard Trading Terms and Conditions and all the Company`s agreements whether verbal or otherwise are subject to the said Terms. Copies of these conditions may be immediately obtained on application or downloaded from www.expressgroup.com/termsandconditions*"

Minn harsa lejn l-imsemmi dokument jirrizulta li din il-klawsola hija parti integrali mil-*letter head* ta` Express Trailers u tinsab miktuba fil-qiegh nett tad-dokument immedjatament taht il-*logos* tad-diversi sussidjarji li jifformaw parti minn Express Group. Il-qorti tosserva illi filwaqt illi l-*logos* huma stampati b`tipi akbar u leggibbli, il-klawsola dwar it-termini u kondizzjonijiet li jirregolaw il-garr tal-merkanzija minn Express Trailers hija miktuba b`tipa rqieq.

Marcin Depczynski xehed illi huwa ra l-istima biss fil-kors ta` din il-kawza.

Din l-istqarrija pero` hija kontradetta minn dokumenti li kienu prezentati bhala prova.

Fl-email tal-5 ta` Gunju 2018 li Jesmond Mifsud baghat lil Marcin Depczynski, hemm miktub :- "*In the meantime please find attached our official quote QRN 223335*." Depczynski wiegeb lura dakinhar stess tal-5 ta` Gunju 2018 fejn kiteb hekk: "*I see COD **<u>on the quote</u>***" (enfasi mizjuda)

Waqt illi Depczynski xehed illi ma kienx jaf b`din l-email, l-emails li kienu skambjati bejn Vella u Depczynski jikkonfermaw illi mhux talli Depczynski kien ircieva l-istima izda sahansitra fl-email tieghu tal-5 ta` Gunju 2018 ikkontesta l-modalita` tal-hlas kif indikata fuq l-istima ta` Express Trailers. Il-qorti tqis illi dak ta` Depczynski ma kien xejn ghajr tentattiv fjakk ghall-ahhar sabiex jiskolpa ruhu mill-fatt illi ma kienx ezamina b`reqqa u b`mod shih kif kien obbligat jaghmel id-dokument li kien ircieva minghand Express Trailers.

Il-pozizzjoni tal-attrici hija car u inekwivoka. Dment illi l-klijent jircievi l-quotation u jaccettaha, ikun qieghed, anke jekk tacitament, jaccetta li l-garr ta` l-merkanzija minn Express Trailers issir skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet taghha bhala t-trasportatur.

L-attrici taghmel ukoll l-argument illi Quick Turtle qatt ma talbet illi jigu osservati xi termini u kondizzjonijiet diversi minn taghha. Jekk Quick Turtle riedet li japplikaw pattijiet u kondizzjonijiet ohra, allura kien jispetta lilha li ggib il-kwistjoni ghall-attenzjoni ta` Express Trailers fil-mument li tircievi l-quotation. F`dak il-kaz kienet tinghata l-opportunita` li tqis il-kwistjoni internament u skont ma jirrizulta jew tasal fi ftehim divers mill-pattijiet u kondizzjonijiet taghha inkella tirrifjuta li taghmel it-trasport.

Kienu prezentati emails. L-iskambju ta` emails beda qabel Express Trailers tat il-quotation. F`email tal-31 ta` Mejju 2018 fil-hin ta` l-10:46 am li baghat Marcin Depczynski lil Jesmond Mifsud b`kopja lil Antoine Vella, Yari Baldacchino u David Fleri (ilkoll persuni ta` Express Trailers) Depczynski kiteb hekk : "***<u>We have to issue our CMR</u>***, *another requirement form the Polish side. Due to responsibility, GDP quality regulations, etc*." (ara `Dok. A` a tergo ta` fol. 155) (enfasi mizjuda)

Ma jirrizultax illi Jesmond Mifsud wiegeb ghal din l-email. Pero` l-email ta` Depczynski waslet ghand Express Trailers tant illi b`email tal-31 ta` Mejju 2018 mibghutha fil-hin tal-11:08 am Antoine Vella wiegeb lura lil Depczynski dwar kwistjonijiet ta` natura teknika. Fl-istess email Vella jghid ukoll illi : "*Colleague* ***<u>Johann also reading in copy</u>*** *will provide copies of the certification requested shortly*."

L-email ta` Antoine Vella tal-31 ta` Mejju 2018 tirrizulta illi kienet ikkopjata kemm lil Jesmond Mifsud kif ukoll lil Johann Vella. Dawn il-provi mhux talli ma gewx kontestati, talli fix-xiehda tieghu in kontroezami Johann Vella xehed :-

> "*It-terms and conditions li qed jghid bihom il-klijent tieghek baghathom f`email lil booking office taghna illi din it-tfajla li tkun qed tircievi l-booking hija suggett ghal quaotation li ga tajna bhala kumpanija, u jigifieri ma tidholx fil-commercial agreements. Jigifieri hi rceviet il-booking, allura suggett li l-klijent accetta l-kwotazzjoni biex qed jaghtina l-booking, u prattikament timxi fuq il-loading orders minn fejn ser tghabbi ..*

*...*

***Dr John Gauci:***
*B`xi mod indikajtu li minthomx qed taccettawhom qabel ma provdejtu s-servizz?*

*...*
***Xhud:***
*Lanqas biss ta` kashom min kien x`jismu ghax huwa parti minn order ...*

***Dr John Gauci:***
*Xi dokument fejn qed tirrifjutawhom jew xi komunikazzjoni ma kienx hemm min-naha taghkom.*

***Xhud:***
*Definitely not; la hadd ma rahom ma stajniex naghtu l-view taghna fuqhom, jigifieri ..."*

Fil-kaz odjern jirrizulta jirrizulta illi kull parti ppreteniet u assumiet illi l-garr tal-merkanzija de qua kien se jkun regolat bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet taghha biss. Bhala fatt Express Trailers indikat l-intenzjoni taghha fir-rigward bi klawsola specifika li tirrizulta fid-dokument fejn kien ikkwotat il-prezz tas-servizz. Dan id-dettal jidher illi sfugga lil Quick Turtle. Daqstant iehor bhala fatt Quick Turtle ukoll esprimiet l-intenzjoni taghha ghar-rigward it-termini u l-kondizzjonijiet applikabbli hekk kif jirrizulta car mill-email taghha tal-31 ta` Mejju 2018. Ferm il-premess, il-qorti tosserva illi fix-xiehda tieghu in kontroezami, Johann Vella jikkoncedi li huwa minnu li Quick Turtle ghaddiet kopja tat-termini u kondizzjonijiet ghall-garr tal-merkanzija li pero` kienu njorati minn Express Trailers ghaliex li Quick Turtle ma ssollevatx il-punt qabel ma accettat l-istima. Fil-fatt kien wara li qajmet il-punt.

Il-qorti tghid li dan l-argument ta` Express Trailers mhuwiex sostenibbli ghaliex waqt illi huwa minnu li Quick Turtle baghtet it-termini u kondizzjonijiet taghha bhala parti integrali mill-*order form* sa mill-31 ta` Mejju 2018, u cioe` qabel Express Trailers harget l-istima ufficjali taghha,

Quick Turtle kienet diga ghamlitha cara li kienet ser tohrog dawk it-termini u kondizzjonijiet specifici ghal din il-konsenja partikolari skont kif kien lilha rikjest mill-klijent taghha. Madanakollu, sew jekk ghaliex dan id-dettall sfugga jew fl-ghar ipotezi ghaliex kien injorat, Express Trailers ma ressqet ebda kontestazzjoni ghal dan. Bhala fatt il-partijiet imxew fuq il-presunzjonijiet taghhom. Fl-ebda waqt ma marru f`diskussjonijiet dwar liema termini u kondizzjonijiet kellhom jirregolaw il-garr tal-merkanzija.

Ferm il-premess, il-qorti ssib li kien hemm tassew konfuzjoni dwar liema termini u kondizzjonijiet kellhom jigu applikati. Materja ta` din ix-xorta ma tistax tigi regolat abbazi ta` prezunzjonijiet jew assunzjonijiet. Tosserva li fit-termini u kondizzjonijiet rispettivi taghhom, waqt illi jirregolaw il-kwistjoni tal-gurisdizzjoni tal-qorti f`kaz ta` disputa, il-partijiet jaqblu li l-garr tal-merkanzija huwa regolat bis-CMR Convention ("**il-Konvenzjoni**").

Il-Konvenzjoni taghmel parti mil-ligi ta` Malta (Kap 486). Tirregola l-gurisdizzjoni tal-qorti bl-**Art 31 Kap V – Claims and Actions**. Fl-ewwel (1) paragrafu tad-dispozizzjoni li jaqra :-

> *In legal proceedings arising out of carriage under this Convention, the plaintiff may bring an action in any court or tribunal of a contracting country designated by agreement between the parties and, in addition, in the courts or tribunals of a country within whose territory :*
>
> *(a) the defendant is ordinarily resident, or has his principal place of business, or the branch or agency through which the contract of carriage was made, or*
>
> *(b) the place where the goods were taken over by the carrier or the place designated for delivery is situated.*

Il-qorti tqis inkonklussivi l-provi tal-partijiet dwar il-kwistjoni tal-pattijiet u kondizzjonijiet specifici li kellhom jirregolaw ir-relazzjoni ta` bejniethom cioe` kinux dawk ta` naha jew ta` ohra li kellhom jipprevalu.

Fl-assenza ta` provi konklussivi, il-qorti trid tistabilixxi liema mic-cirkostanzi mahsuba fis-subparagrafi (a) u/jew (b) [supra] ghandhom japplikaw fil-kaz taht ezami. Tajjeb jinghad illi sabiex jigi sodisfatt il-vot tal-Konvenzjoni huwa bizzejjed jekk tirrizulta mqar wahda mic-cirkostanzi ndikati fid-dispozizzjoni. Tant hu hekk illi l-legislatur ghazel il-konguntiv ***jew*** mhux il-konguntiv ***u*** fid-disposizzjoni u ghalhekk ghamel ir-rekwiziti alternattivi ghal xulxin mhux kumulattivi.

**Ferm il-premess, il-qorti hija tal-fehma illi ghandha gurisdizzjoni kemm skont is-sub-paragrafu (a) kif ukoll skont is-sub-paragrafu (b).**

Is-sub-paragrafu (a) jakkorda gurisdizzjoni lill-qorti tal-pajjiz li fih l-intimat jirrisjedi **jew** ghandu n-negozju principli tieghu **jew** fergha **jew** agenzija tramite liema jkun sar il-kuntratt ghall-garr tal-merkanzija. Fil-kaz tal-lum ghalkemm Quick Turtle ghandha l-ufficcju registrat taghha fil-Polonja, il-kuntratt tal-garr tal-merkanzija ma sarx direttament minn Quick Turtle tramite l-ufficcju registrat taghha izda tramite Marcin Depczynski fil-kapacita` tieghu ta` agent in rapprezentanza ta` Quick Turtle f`Malta. Ghalhekk fil-kaz odjern in-negozju kien konkluz permezz ta` "agent" li Quick Turtle kellha f`Malta. Il-qorti ghandha wkoll gurisdizzjoni bis-sahha tas-sub-paragrafu (b) ghaliex il-*carrier* ossia Express Trailers hadet il-merkanzija u dahlet responsabbli ghaliha minghand Actavis ta` BLB 016, Bulebel Industrial Estate, Zejtun, Malta.

**L-ewwel eccezzjoni preliminari qeghda tkun respinta.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi :**

**Tichad l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari.**

**Tiddikjara li ghandha gurisdizzjoni sabiex taqta` u tiddeciedi din il-kawza.**

**Ghalhekk tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**L-ispejjez relatati ma` din is-sentenza jkunu a kariku tal-kumpannija konvenuta.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**